**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 25 ta' Gunju, 2025**

**Rikors Ġuramentat Nru: 426/2022 AF**

**Medhat Nashed detentur tal-Passaport tal-Egittu Numru A08119107**

**vs**

**L-Agenzija ghal Protezzjoni Internazzjonali**

**u**

**L-Avukat tal-Istat**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Medhat Nashed, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ir-rikorrenti Medhat Nashed, mwieled f'Kafr Darwesh, Beni Suref, l-Egittu u li huwa ta' nazzjonalità Egizzjana, wasal Malta fil-25 ta' Dicembru 2021.

Ir-rikorrenti bhalissa jinsab detenut gewwa c-Centru ta' Detenzjoni f'Hal Safi.

Fit-28 ta' Jannar tal-2022, ir-rikorrenti applika ghal protezzjoni internazzjonali f'Malta u ghalhekk gie rregistrat bhala applikant hekk imfisser taht l-Artikolu 2 tal-Kap. 420, l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali.

Fl-1 ta' Frar 2022, l-applikazzjoni tar-rikorrenti ghal protezzjoni internazzjonali giet formalment irregistrata fl-ufficcju tal-Kummissarju ghar-Rifugjati u dik l-istess gurnata gie intervistat minn casework (sic) mill-istess Ufficcju flimkien ma' interpretu.

Ir-rikorrenti fl-applikazzjoni tieghu li ggib ir-referenza 33607 spjega fid-dettal ir-ragunijiet li wassluh biex jahrab mill-Egittu.

Wara li r-rikorrenti ddikjara dawn il-fatt fl-applikazzjoni tieghu, l-Agenzija ghal Protezzjoni Internazzjonali infurmaw lill-attur illi ma tax bizzejjed provi sabiex juri illi kien f'periklu ta' persekuzzjoni f'pajjizu l-Egittu.

Bhala konkluzjoni ta' dawn il-fatti, l-applikazzjoni tar-rikorrenti giet irrigettata bhala "*manifestly unfounded*".

Skond il-procedura tal-"*accelerated procedure*", wara li l-applikazzjoni tigi rifjutata wara li tkun tqieset bhala "*manifestly unfounded*", din tigi riveduta mic-Chairperson tat-Tribunal minghajr opportunità ta' appell jew li tigi kkontestata mill-applikant permezz ta' rapprezentanza legali.

Ghalhekk dan il-process ma jistax jigi kkunsidrat bhala "*effective remedy*" hekk iggarantit taht l-Artikolu 13 ECHR li jghid "***Everyone whose rights and freedoms are set forth in this Convention are violated shall have an effective remedy before a national authority***."

Ir-rikorrenti jaghmel referenza ghas-sentenza ta' "**Panayotova and Others" (Case C-327/02, 2004, Para. 27**) fejn il-Qorti tal-Gustizzja Ewropea qalet illi "*It should be remembered ... that Community law requires effective judicial scrutiny of the decisions of national authorities taken pursuant to the applicable provisions of Community law and that this principle of effective judicial protection constitutes a general principle which stems from the constitutional traditions common to Member States and is enshrined by the European Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms*". Apparti dan, fis-sentenza "**Verholen" (Case C-87/90, 1991, Para.24**), l-istess Qorti qalet illi "*Moreover, whilst it is in principle for national law to determine and individual's standing and legal interest in bringing proceedings, Community law nevertheless requires that the national legislation does not undermine the right to effective judicial protection*".

Id-disposizzjoni tal-Artikolu 23(4) tal-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali li permezz taghha r-rikorrenti giet imcahhda mid-dritt taghha li tappella kontra d-decizjoni tal-Agenzija intimata hija wahda arbitrarja u leziva ghad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kemm a bazi tad-dritt ta' smiegh xieraq kif ukoll ta' protezzjoni minn diskriminazzjoni u access ghall-Qrati.

Id-Direttiva 2013/32/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Gunju 2013 dwar proceduri komuni ghall-ghoti u irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni) jistipula kriterji li ghandhom jintlahqu sabiex applikazzjoni tkun tista' ssir permezz tal-procedura tal-"*accelerated proceedings*".

Jirrizulta ampjament kif dawn ir-rekwizi huma assenti mid-disposizzjonijiet tal-Kap. 420, l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali li jirregolaw il-process tal-"*accelerated procedures*", u ghaldaqstant huwa evidenti lid-Direttiva 2013/32/EU ma gietx implimentati bi shih fil-ligi Maltija.

Dan wassal biex l-esponenti sofra minn pregudizzju irrimedjabbli minhabba li skond il-Ligi ta' Malta ma hemm ebda mod biex dan il-pregudizzju jigi rimedjat.

Apparti dan, ir-rikorrenti jaghmel referenza ghall-Artikolu 2(1) ECHR li tiggarantixxi "*positive obligation*" fuq l-istat sabiex jipprotegi l-hajja tar-refugjata li jinsabu fit-territorju tal-pajjiz kkoncernat. Skond is-sentenza li nghatat mill-Qorti fi Strasbourg, bl-isem "LCB v United Kingdom" (App. 23413/94), 9 ta' Gunju 2004, u "**Öneryildiz v Turkey**" (App, 48939/99) 30 ta' Novembru 2004, fejn il-Qorti ddikjarat illi l-obbligazzjoni "*to take appropriate steps to safeguard the lives of those within the State's jurisdiction) must be construed as applying in the context of any activity, whether public or not, in which the right to life may be at stake*".

Ir-rikorrenti jaghmel referenza ghas-sentenza ta' "**Osman v United Kingdom**" **(App. 23452/94)(28 ta' Ottubru 1998)**, fejn il-Qorti fi Strasbourg spjegat illi l-Istat ikun qieghed jivvjola l-Artikolu 2 tal-ECHR "*if it could be established that they knew or ought to have known at the relevant time of the existence of a real and immediate risk to the life of an identified individual or individuals from the criminal acts of a third party, and that they failed to take measures within the scope of their powers which, judged reasonably, might have been expected to avoid that risk*".

Ghalhekk kellha ssir il-kawza odjerna.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-procedura amministrattiva hekk spjegata mill-Agenzija ghall-Protezzjoni Internazzjonali u stabbilita fil-Ligi ta' Malta permezz tal-Kap. 420, l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali senjatament fl-Artikolu 23 tal-Kap. 420 et seq. imur kontra l-Artikolu 46 tad-Direttiva 2013/32/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Gunju 2013 dwar proceduri komuni ghall-ghoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (Riformulazzjoni) kif ukoll id-drittijiet ghall-"*effective remedy*" taht l-Artikolu 13 tal-ECHR u hija kuntrarja ghad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta.

2. Konsegwentement, tiddikjara illi r-rikorrenti ma setax jezercita d-drittijiet tieghu fil-kuntest tal-applikazzjoni ghal protezzjoni internazzjonali li ghamel mal-Agenzija ghall-Protezzjoni Internazzjonali, partikolarment minhabba li ma seta' jappella bl-ebda mod mid-decizjoni mehuda fil-konfront tieghu.

3. Tordna dawk il-mizuri li l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa sabiex tigi rrimedjata is-sitwazzjoni tar-rikorrenti, u li r-rikorrenti jinghata l-opportunità sabiex jezercita d-dritt ghal rimedju effettiv fil-kuntest tal-applikazzjoni ghal protezzjoni internazzjonali li giet meqjusa bhala "*manifestly unfounded*".

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Rat ir-risposta tal-intimati l-Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali u L-Avukat tal-Istat, li permezz tagħha ġie eċċepit illi:

Il-lanzjanza tar-rikorrent hija li allegatament il-procedura amministrattiva quddiem l-Agenzija ghall-Protezzjoni Internazzjonali u t-Tribunal tal-Appelli dwar il-Protezzjoni Internazzjonali fejn applikazzjoni ghal azil illi tigi michuda bhala *manifestly unfounded* tiehu t-triq ta' *accelerated procedure* taht l-artikolu 23 *et sequitur* tal-Kapitolu 420 tal-Ligijiet ta' Malta tmur kontra l-artikolu 46 tad-Direttiva 2013/32/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Gunju 2013 dwar procedura komuni ghall-ghoti u l-irtirar tal-Protezzjoni Internazzjonali (Riformulazzjoni) kif ukoll id-dritt fundamentali taht l-artikolu 13 tal-ECHR u hija kuntrarja ghad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta u b'hekk qieghed jitlob dikjarazzjoni illi huwa ma setax jezercita d-drittijiet tieghu fil-kuntest tal-applikazzjoni ghal protezzjonali internazzjonali partikolarment minhabba li ma setax jappella bl-ebda mod mid-decizjoni fil-konfront tieghu u mizuri minn dina l-Onorabbli Qorti li huma xierqa sabiex tigi rrimedjata s-sitwazzjoni tar-rikorrent inkluz l-opportunità sabiex jezercita d-dritt ghal rimedju effettiv fil-kuntest tal-applikazzjoni ghall-protezzjoni Internazzjonali li giet meqjusa bhala '*manifestly unfounded*'.

Illi s-segwenti eccezzjonijiet qieghdin jinghataw minghajr pregudizzju ghal xulxin:

**<u>Eccezzjonijiet Preliminari</u>**

Ir-rikorrent qiegħed jattakka deċiżjonijiet amministrattivi meħuda mill-konvenuti talli giet michuda t-talba, u allura huwa messu nieda azzjoni taħt l-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex iħassar dawk id-deċiżjonijiet amministrattivi, jekk huwa tassew minnu dak li qed jgħid ir-rikorrent li dawk id-deċiżjonijiet ittieħdu b'mod arbitrarju, abbużiv u bi ksur tal-liġi.

Billi għalhekk ir-rikorrent kellu f'idejh rimedji ordinarji biex jindirizza l-ilmenti tiegħu, huwa l-każ li din l-Onorabbli Qorti toqgħod lura milli tinqeda bis-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha skont l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

Preliminarjament ukoll, l-esponenti jecepixxu n-nuqqas ta' applikabbilità tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ghall-kaz odjern *stante* illi l-garanziji mahsuba fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jkoprux proceduri ta' azil, ghaliex proceduri dwar id-dhul, permanenza jew deportazzjoni ta' persuni barranin ma jittrattawx determinazzjoni tad-drittijiet jew obbligi civili taghhom, u lanqas ma jekwivalu ghal proceduri kriminali (vide ***Maaouia vs France*** (QEDB, 05/10/2000) u s-Sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali moghtija fit-29 ta' Gunju 2022 fl-ismijiet "***Amin Ruhul vs Kummissarju tal-Pulizija et***" (250/19MCH)).

L-esponenti jecepixxu illi t-talba mfissra fir-rikors promotur ghal lezjoni tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja hija improponibbli *stante* illi *Article 13 has no independent existence; it merely complements the other substantive clauses of the Convention and its Protocols (Zavoloka v. Latvia, 2009, § 35 (a)). It can only be applied in combination with, or in the light of, one or more Articles of the Convention or the Protocols thereto of which a violation has been alleged. To rely on Article*

*13 the applicant must also have an arguable claim under another Convention provision.*[1]

L-esponenti jecepixxu safejn ir-rikorrent qieghed jitlob fl-ewwel talba illi l-artikoli 23 *et sequitur* tal-Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta jmorru kontra l-artikolu 46 tad-Direttiva 2013/32/EU, tali talba ma tistax tigi akkolta *stante* illi tmur kontra d-dettami tal-artikolu 154 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi tali talba ma tressqitx permezz tal-forma ta' rikors guramentat u fl-isfond tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 164 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.[2]

## **Eccezzjonijiet fil-Mertu**

Fil-mertu, in kwantu r-rikorrent jallega li ma nghatax smiegh xieraq mill-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati/It-Tribunal tal-Appelli dwar il-Protezzjoni Internazzjonali u li d-decizjoni tal-istess Tribunal hija wahda mhux korretta, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrent ma jistax jinqeda bi proceduri kostituzzjonali ghas-semplici raguni, li skont huwa, awtorità gudizzjarja tkun zbaljata fis-sentenza taghha. Huwa maghruf kemm fid-duttrina kif ukoll fil-gurisprudenza li mhijiex il-funzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti li ssewwi 'zbalji' tal-Qrati ordinarji. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubju illi l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija limitata biss biex tinvestiga u tiddetermina jekk kienx hemm jew le vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali izda certament li ma tistax tistharreg jekk il-Qrati ordinarji (jew Tribunal u Bordijiet) iddecidewx b'mod tajjeb u korrett tilwima. Illi minn qari tar-rikors promotur jinzel bic-car li r-rikorrent qieghed jistieden lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tidhol fil-mertu fattwali tal-appell deciz mit-Tribunal tal-Appelli ghall-Protezzjoni Internazzjonali. Fir-rikors promotur tieghu r-rikorrent imkien ma jfisser kif gie vjolat id-dritt ta' smigh xieraq izda dak li qieghed jaghmel huwa li jikkontesta l-mod li ddecieda l-appell in konfront tieghu it-Tribunal u dan minhabba l-kunsiderazzjonijiet li fuqhom ibbaza l-istess Tribunal. Fil-fehma tal-esponenti tali kontestazzjoni tohrog 'il barra mill-iskrutinju li jahsbu ghalih il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni.

[1] *vide Guide on Article 13 of the European Convention on Human Rights Right to an effective remedy Updated on 30 April 2022*

[2] *Vide is-Sentenza res Judicata in parte fl-ismijiet "Mariama Ngady Parsons vs L-Agenzija ghal Protezzjoni Internazzjonali" deciza fl-1 ta' Marzu 2022 (318/2020TA)*

Mhux kull interpretazzjoni hazina tal-fatti twassal ghal ksur tad-dritt fundamentali u mhux kull meta kawza tintilef minhabba interpretazzjoni jew apprezzament hazin tal-fatti jaghti dritt illi l-mertu tal-kaz ikun ezaminat mill-gdid minn ottika ta' drittijiet fundamentali. Illi l-qrati moghnija b'setgha kostituzzjonali u konvenzjonali ma ghandhomx jigu mibdula f'qrati tat-tielet jew raba' istanza izda dawn il-qrati huma moghtija s-setgha li, f'kaz ta' ilment dwar ksur tad-dritt fundamentali tal-persuna ghal smigh xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, tistharreg l-imgiba ta' kull awtorità gudikanti ohra, imqar jekk tkun wahda gerarkikament oghla minnha. Izda dina s-setgha wiesgha hija limitata fis-sens li l-Qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali ma ghandhomx iqisu jekk il-Qrati mixlija bi ksur ta' jedd ta' smigh xieraq ikkommettewx zball ta' ligi jew ta' fatt fid-decizjonijiet taghhom (ara **Domenico Savio Spiteri vs Avukat Generali et** deciza fit-2 ta' Ottubur 2001). Hija setgha limitata biex tqis jekk il-procediment li minnu tressaq ilment ta' nuqqas ta' smigh xieraq kienx tassew wiehed imparzjali u 'skont il-ligi' (ara **Fatiha Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et** deciza fit-28 ta' Dicembru 2001). Illi ghalhekk, proceduri maghmula abbazi ta' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali mhijiex mahsuba biex iservu ta' appell jew kassazzjoni minn sentenzi li jkunu ghaddew in gudikat. Proprju f'dan il-kaz, ir-rikorrent qieghed ilibbes l-ilment tieghu bhala vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu meta dan ma huwa xejn hlief appell gdid mill-apprezzament milhuq mill-Bord. Isegwi ghalhekk li ilment bhal dan ma jistax jigi mistharreg mil-lenti ta' vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali u ghalhekk ghandu jigi mwarrab.

L-esponenti jecepixxu illi l-artikolu 23 tal-Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta jestablixxi procedura kongruwa mad-dettami tal-gustizzja naturali kif ukoll mal-linji gwida tal-isitutuzzjonijiet tal-Ewropa u huwa intiz sabiex jigi evitat abbuz f'applikazzjonijiet ta' natura serja bhal ma hija dik ta' status ta' refugjat meta tali applikazzjonijiet ikunu intizi biss sabiex jigi pprolungat dritt jew *stay* gewwa pajjiz <u>meta l-applikant m'ghandu ebda bazi sabiex jakkwista tali dritt</u>.

L-esponenti Agenzija tecepixxi illi l-ezami li jkun sar mill-Agenzija ghall-Protezzjoni Internazzjonali jkun jinvolvi minnu nnifsu

ezami tal-applikant u ghalhekk mhuwiex mehtieg li l-applikant jerga' jinstema' mit-Tribunal innifsu jew li jressaq provi godda, la darba t-Tribunal, bhala sede ta' appell ikun qed jiddeciedi fuq dawk l-istess provi li jkun ressqet l-applikant. Dwar dan il-punt l-esponenti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Gustizzja Ewropea ta' *Alheto*[3]. Il-Qorti kkunsidrat illi:

*"114. …the requirement for a full and ex nunc examination implies that the court or tribunal seised of the appeal must interview the applicant, **unless it considers that it is in a position to carry out the examination solely on the basis of the information in the case file, including, where applicable, the report or transcript of the personal interview before that authority** (see, to that effect, judgment of 26 July 2017, Sacko, C-348/16, EU:C:2017:591, paragraphs 31 and 44). …*

*115. The words 'where applicable', contained in the limb of the sentence 'including, where applicable, an examination of the international protection needs pursuant to directive [2011/95]', underline … the fact that **the full and ex nunc examination to be carried out by the court need not necessarily involve a substantive examination of the need for international protection and may accordingly concern the admissibility of the application for international protection, where national law allows pursuant to Article 33(2) of Directive 2013/32.**" (emphasis added)*

*Il-Qorti kompliet izzid illi:*

*Where the determining national authority (which, in Malta's case, is the Office of the Refugee Commissioner) has declared an application inadmissible due to the application of the "first country of asylum" principle under Article 35 of the Directive, the court or tribunal required to review that decision is not obliged to hear the applicant, as long as s/he has already been heard by that authority:*

---

[3] *Court of Justice of the European Union (CJEU), fis-sentenza **Case C-585/16 Alheto** delivered by the Grand Chamber on 25 July 2018*

*"126. It must be held, in that regard, that, in the event that the ground of inadmissibility examined by the court or tribunal hearing the action was also examined by the determining authority before the document contested in the action was adopted,* ***that court or tribunal may rely on the report of the personal interview conducted by that authority without hearing the applicant, unless it considers it necessary****.".*

Johrog car illi l-Qorti jew Tribunal li jirrevedu l-applikazzjoni mhumiex marbuta li jaghmlu ezami tal-mertu, jew li jisimghu lill-applikant, izda jistghu jaghmlu dan biss fid-diskrezzjoni taghhom. B'mod partikolari, fejn l-Agenzija tkun ghamlet hija nfisha ezami tal-fatti tal-kaz (bhal ma gara propju f'dan il-kaz), ezami shih u *ex nunc* tal-fatti mhuwiex mehtieg minn Artikolu 46 (3) tad-Direttiva 2013/32, u dan hekk kif insenjat mill-Qorti tal-Gutizzja Ewropea.

L-artikolu 23 *et sequitur* tal-Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta huwa artikolu li ma jmurx kontra d-dettami tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u/jew tat-trattat dwar id-drittijiet fundamentali tal-bniedem u li l-Qrati ghalhekk gja kellhom l-opportunità jisthargu dan kollu.

Tenut kont is-suespost ukoll, l-esponenti jecepixxu illi l-artikolu 23 (5) tal-Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta gie ssodisfat gialadarba t-Tribunal intimat immotiva r-raguni tieghu billi kkonceda li l-applikazzjoni hija legalment manifestament infondata. Kif inghad, "***the full and ex nunc examination to be carried out by the court need not necessarily involve a substantive examination of the need for international protection*** ***<u>and may accordingly concern the admissibility of the application for international protection, where national law allows pursuant to Article 33(2) of Directive 2013/32."</u>***

Fi kwalunkwe kaz l-esponenti jirrilevaw illi l-ligi nazzjonali tirrifletti trasposizzjoni fidila tal-artikoli 31 (8) u l-artikolu 32 (2) tad-Direttiva dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni) (Direttiva 2013/32/EU).

Id-decizjoni tal-esponent Tribunal hija wahda korretta u mhux anti kostituzzjonali *stante* illi l-Qrati nostrani kif ukoll ewropej digà kellhom l-opportunità jiddikjaraw illi tali procedura hija konformi mal-principji legali ccitati.

Isegwi li l-lanjanzi u t-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti annessi.

Semgħet il-provi.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat illi minn qari tar-rikors promotur jirriżulta li r-rikorrenti qiegħed jilmenta minn leżjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu senjatament dak ta' *effective remedy* kif dan il-jedd jinsab imħares taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Jilmenta wkoll illi li l-Artikolu 23 tal-Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta jmur kontra dak illi jipprovdi l-Artikolu 46 tad-Direttiva 2013/32 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 liema direttiva titkellem dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni). Dan għaliex fil-fehma tar-rikorrenti t-tħaddim tal-Artikolu 23 tal-Kap. 420 qiegħed iċaħħad lir-rikorrenti mid-dritt tiegħu t'appell kontra d-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata tad-9 ta' Frar 2022 li biha ċaħdet it-talba tar-rikorrenti għall-ażil. Jgħid għalhekk illi l-provvediment taħt l-Artikolu 23 jagħti lok għat-teħid ta' deċiżjoni arbitrarja li hija leżiva għad-drittijiet fondamentali tiegħu.

In linea preliminari l-intimati eċċepew illi r-rikorrenti kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju ordinarju billi seta' jressaq ilment ai

termini tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta liema dispożizzjoni hija ntiża sabiex tħassar deċiżjoni amministrattiva. Ukoll in linea preliminari eċċepew illi l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni mhuwiex applikabbli għall-każ tal-lum stante illi l-garanziji hemm maħsuba ma japplikawx għall-kwistjonijiet t'ażil. Eċċepew ukoll illi l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni ma jistax isib applikazzjoni jekk mhux b'abbinament ma' ksur ta' xi jedd ieħor taħt l-istess konvenzjoni. Komplew jeċċepixxu wkoll illi t-talba tar-rikorrenti illi l-Artikolu 23 et seq. tal-Kap. 420 imur kontra l-Artikolu 46 tad-Direttiva 2013/23 ma tistax tiġi milqugħa stante illi tmur kontra l-Artikolu 154 tal-Kap. 12 peress illi ma saritx skont il-forma preskritta u dan ukoll fl-isfond ta' dak illi jipprovdi l-Artikolu 164 tal-Kap. 12. Fil-mertu eċċepew illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati għaliex il-proċedura taħt il-liġi Maltija tirrifletti traspożizzjoni fidila ta' dak illi tipprovdi d-direttiva in kwistjoni u li in ogni każ ir-rikorrenti ma jistax jirrikorri għal proċeduri kostituzzjonali sempliċement għaliex ma jaqbilx mal-eżitu tad-deċiżjoni mogħtija fil-konfront tiegħu.

Ir-rikorrenti fetaħ il-proċeduri odjerni għaliex b'deċiżjoni mogħtija mill-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali tad-9 ta' Frar, 2022, kif konfermata mit-Tribunal tal-Appelli għal Protezzjoni Internazzjonali fit-18 ta' Frar, 2022, it-talba tiegħu biex jingħata protezzjoni jew ażil f'pajjiżna, ġiet rifjutata għaliex ritenuta bħala "*manifestly unfounded*" għaliex ir-rikorrenti ġej minn pajjiż ritenut bħala sigur kif ukoll għaliex il-verżjoni tal-fatti kif mogħtija minnu hija inkonsistenti u kontradittorja.

Mill-inkartament relattiv għall-proċess t'ażil u li kopja tiegħu ġiet debitamet ippreżentata fl-atti ta' din il-kawża, jirriżulta li r-rikorrenti, ċittadin Eġizzjan, wasal Malta b'mod illegali fil-25 ta' Diċembru 2021, u talab għall-protezzjoni mingħand l-awtoritajiet Maltin sabiex ikun jista' jibqa' f'Malta permanentement. Fl-intervista li ssir lill-applikant bħala parti mill-proċedura sabiex jiġi stabbilit jekk persuna għandhiex jedd tingħata protezzjoni jew permess sabiex tibqa' f'Malta, tiġi mistoqsija dwar ir-raġunijiet li għalihom tkun ħalliet pajjiżha, fost affarijiet oħra. Fil-każ in kwistjoni r-rikorrenti spjega li r-raġuni ewlenija hija persekuzzjoni ta' persuni ta' twemmin kattoliku u li jekk jiġi rimpatrijat lura l-Eġittu ser ikompli jiġi ppersegwitat b'riskju għall-inkolumità tiegħu.

L-Artikolu 7 tal-Kap. 420, l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, jistabbilixxi li t-Tribunal tal-Appelli għal Protezzjoni Internazzjonali għandu s-setgħa jiddeċiedi appelli minn deċiżjonijiet mogħtija mill-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali. It-Tribunal għandu l-poter illi jisma' appelli sħaħ u *ex nunc sia* fuq fatti kif ukoll fuq punti ta' liġi kontra d-deċiżjoni li tkun ingħatat wara applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. L-Artikolu in kwistjoni jipprovdi wkoll dwar it-termini entru liema għandu jsir l-appell u dak entru liema t-Tribunal għandu jagħti d-deċiżjoni tiegħu. Id-deċiżjoni tat-Tribunal hija waħda finali u konkluživa, u ma tistax tiġi kkontestata jew appellata quddiem l-ebda qorti tal-ġustizzja.

L-artikolu 23 tal-Kap. 420 jaħseb għal proċeduri aċċellerati. Din il-proċedura tiġi segwita f'dawk il-każijiet fejn l-Aġenzija intimata tiddeċiedi li l-applikazzjoni tal-applikant hija manifestement infondata. Hekk ġara fil-każ odjern.

Fil-każ ta' proċeduri aċċellerati, il-liġi tistabbilixxi illi l-applikazzjoni għandha tiġi eżaminata entru tlett ijiem tax-xogħol u d-deċiżjoni tal-Aġenzija għandha tiġi minnufih mibgħuta liċ-Chairperson tat-Tribunal tal-Appelli għal Protezzjoni Internazzjonali sabiex fi żmien tliet ijiem tax-xogħol dan jeżamina u jirrevedi d-deċiżjoni tal-Aġenzija. L-artikolu 23(4) tal-Kap. 420 jipprovdi li d-deċiżjoni taċ-Chairperson tat-Tribunal tal-Appelli għal Protezzjoni Internazzjonali dwar jekk l-applikazzjoni tkunx waħda manifestement infondata hija waħda finali u konklussiva, u minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, ebda appell jew għamla ta' reviżjoni ġudizzjarja oħra ma tista' ssir quddiem it-Tribunal jew quddiem xi qorti oħra.

Il-proċedura ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 420 timplika illi la darba l-Aġenzija intimata tiddeċiedi li l-applikazzjoni tar-rikorrent hija waħda "manifestement infondata", bħal ma ġara fil-każ in diżamina, il-proċeduri mibdija mill-applikant jinstemgħu b'mod aċċellerat li ma jagħtux lok li l-persuna li tkun qegħda tittieħed id-deċiżjoni dwarha, tinstema' jew tagħmel sottomissjonijiet bil-miktub. Effettivament dak li tgħid il-liġi huwa li l-Aġenzija intimata tirreferi d-deċiżjoni tagħha liċ-Chairperson tat-Tribunal, li għandu biss tliet ijiem ta' xogħol biex

jirrevedi u jeżamina d-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata. Dan ifisser illi ai termini ta' dak illi tipprovdi l-liġi, ċ-Chairperson tat-Tribunal huwa sempliċement mistenni jikkonferma d-deċiżjoni mogħtija mill-Aġenzija dwar l-applikazzjoni hijiex waħda "manifestement infondata". Hekk sar fil-każ tal-lum. Il-Qorti taqbel ma' dak illi ngħad fil-kawża fl-ismijiet Mariama Ngady Parsons vs. l-Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali et, deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fl-1 ta' Marzu, 2022 u cioè illi r-referenza li ssir lit-Tribunal hija merament "*waħda unilaterali u awtomatika u mhux volontarja, sabiex issir reviżjoni u eżami tad-deċiżjoni. Għalhekk il-funzjoni tat-Tribunal ma hix stricto jure bħala waħda ta' tieni istanza, iżda pjuttost waħda ta' konvalidazzjoni tal-ewwel deċiżjoni. Il-persuna li tkun applikat ma għandha ebda sehem jew intervent f'din il-proċedura*."

Fil-każ tal-lum, ir-rikorrenti mhuwiex jilmenta minn att ta' għemil amministrattiv. L-ilment tar-rikorrenti huwa dwar il-fatt illi l-modalità ta' kif hija mfassla l-liġi qegħda ċċaħħdu milli jingħata smigħ xieraq billi fl-istadju fejn id-deċiżjoni tal-Aġenzija tgħaddi quddiem iċ-Chairperson għall-konferma tad-deċiżjoni tal-Aġenzija, l-applikant huwa prekluż milli jagħmel rappreżentazzjonijiet in difiża tat-talbiet tiegħu.

Il-Qorti ma taqbilx mal-intimati li r-rikorrenti kellu rimedju ordinarju disponibbli għalih ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 għaliex l-ilment tar-rikorrenti mhuwiex riferit lejn xi għemil amministrattiv iżda huwa abbinat mal-fatt illi l-leġislatur stabbilixxa li d-deċiżjoni taċ-Chairperson hija finali.

Hija ġurisprudenza stabbilita illi l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 ma japplikax għal stħarriġ ġudizzjarju dwar deċiżjoni jew imġieba ta' korp ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju maħluq bis-saħħa tal-liġi propju bħal ma huwa t-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali[4].

Għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati sejra tiġi miċħuda.

---

[4] Ara: **Clement Okoro vs Bord tal-Appell dwar ir-Refuġjati**, Qorti tal-Appell, 20 t'April 2024; **Onor. Prim Ministru v. Victor Vella Muskat**, Qorti tal-Appell, 25 ta' Settembru, 2006; **Direttur Ġeneral tal-Qrati vs Pinu Axiaq**, Qorti tal-Appell, 3 ta' Marzu 2006; **Avukat Dr Anthony P. Farrugia vs Kummissjoni Elettorali et**., Qorti tal-Appell, 18 ta' Ottubru 1996

Permezz tat-tieni eċċezzjoni preliminari, l-intimati eċċepew illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jistax isib applikazzjoni għall-każ tal-lum billi l-garanziji hemm maħsuba ma jkoprux proċeduri t'ażil.

Diversi sentenzi ta' dawn il-Qrati ttrattaw u ddeċidew dan il-punt. Għad illi jirriżulta li l-Qrati mhux dejjem ħadu pożizzjoni univoka dwar din il-kwistjoni, jidher però illi hemm ġurisprudenza kopjuża, *sia* dik mill-Qrati Maltin kif ukoll tal-Qorti Ewropeja, li tikkonsolida l-posizzjoni tal-Qrati dwar is-siwi ta' din l-eċċezzjoni.

Fl-ewwel lok issir referenza għall-*Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights – Right to a fair trial (civil limb)*, li jinkorpora fih il-każistika tal-Qorti Ewropea dwar l-Artikolu 6. Għad illi r-rikorrenti, fil-każ tal-lum, mhuwiex jirreferi għall-Artikolu 6, il-każistika relattiva għall-Artikolu 6 hija applikabbli għall-każ ta' llum billi l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni huwa mmudellat fuq l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Jingħad illi din id-disposizzjoni ma tapplikax għaliex:

> *"76. Matters outside the scope of Article 6 include tax proceedings: tax matters still form part of the hard core of public-authority prerogatives, with the public nature of the relationship between the taxpayer and the community remaining predominant (ibid., § 29). Similarly excluded are summary injunction proceedings concerning customs duties or charges (Emesa Sugar N.V. v. the Netherlands (dec.), 2005).*
>
> *77. The same applies, in the immigration field, to the entry, residence and removal of aliens, in relation to proceedings concerning the granting of political asylum or deportation (application for an order quashing a deportation order: see Maaouia v. France [GC], 2000, § 38; extradition: see Peñafiel Salgado v. Spain (dec.), 2002; Mamatkulov and Askarov v. Turkey [GC], 2005, §§ 81-83; and an action in damages by an asylum-seeker on account of the refusal to grant asylum: see Panjeheighalehei v. Denmark (dec.), 2009), despite the possibly serious*

*implications for private or family life or employment prospects."*

Il-Qorti sejra tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet Mariama Ngady Parsons vs L-Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Jannar 2023. Din id-deċiżjoni kienet xprunata minn appell mis-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-1 ta' Marzu 2022 li fost l-oħrajn ċaħdet l-eċċezzjoni u ddikjarat li l-proċess taħt il-Kap. 420 jilledi d-dritt għal smigħ xieraq.

Fis-sentenza tagħha l-Qorti Kostituzzjonali għamlet referenza għas-sentenza tagħha stess tad-29 ta' Mejju 2009 fl-ismijiet Muhammed Mokbel Elbakry v. Onor. Prim Ministru et fejn ingħad hekk:

*"»10. Reference is also made to the decision of the First Hall of the Civil Court of the 13 July 2007 in the case Hekmat Mohammed Moatti El Fraie v. L-Onor. Prim Ministru et, and to the judgments of the ECtHR therein referred to. Asylum proceedings under our law are and remain essentially administrative proceedings, and the right granted in sub-article (9) of article 7 of Chapter 420 to apply for constitutional redress does not mean that those proceedings, whether before the Commissioner or the Board, are proceedings leading to a determination of a civil right or obligation within the meaning of article 6(1) of the Convention and article 39(3) of the Constitution.«"*

B'referenza għall-proċess kontemplat ai termini tal-Artikolu 23(3) tal-Kap. 420 il-Qorti Kostituzzjonali żiedet tosserva illi:

*15. ... Il-proċess kollu – kemm quddiem l-Aġenzija u kemm quddiem it-Tribunal – huwa meqjus bħala proċess li ma huwiex dwar determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili jew ta' akkużi kriminali, u għalhekk ma jaqax taħt id-disposizzjonijiet tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni jew tal-art. 6 tal-Konvenzjoni.*

Il-Qorti għaddiet għalhekk sabiex irriformat is-sentenza tal-Ewwel Qorti limitatament dik il-parti li biha l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni u ordnat lit-Tribunal jisma' l-każ mill-ġdid.

Din l-istess linja ta' ħsieb ġiet ukoll applikata fil-kawżi fl-ismijiet: Ramadan Wahba Mabrouk Louay v. L-Onorevoli Viċi Prim Ministru u Ministru Għall-Ġustizzja u l-Intern deċiża fil-25 ta' Mejju, 2012; Tarek Mohammed Ibrahim v. Viċi Prim Ministru deċiża fit-28 ta' Mejju, 2012; Yazan Harmoush v. Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern et deċiża fit-28 ta' Settembru, 2012; u Dilek Sahan et v. Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern et deċiża fit-22 ta' Frar, 2013.

Għalhekk, din il-Qorti sejra timxi fuq l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali u għalhekk sejra tilqa' l-eċċezzjoni tal-intimati u tiddikjara illi t-talbiet tar-rikorrenti, safejn dawn jolqtu ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jistgħux jiġu mistħarrġa taħt dan l-artikolu tal-liġi.

Għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi waqt illi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati, tilqa' t-tieni eċċezzjoni tagħhom u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tat-talbiet u tal-eċċezzjonijiet.

Minhabba c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF

DEP REG